# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/543

## tat-23 ta' Jannar 2018

## li jikkoreġi l-verżjoni bl-Ispanjol tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bl-Ispanjol tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 ([2]) fiha żewġ żbalji fir-ringieli B u C tal-kolonna M tat-Tabella 1 tal-Anness II b'rabta ma' differenza fil-formola tal-limiti għall-ħiters tal-ilma bil-profil tat-tagħbija M.

(2) Għalhekk jenħtieġ li l-verżjoni bl-Ispanjol tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 812/2013 tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma jintlaqtux,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

(*ma japplikax għal-lingwa Maltija*)

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 83).